# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 3**

**Citazzjoni numru 980/03 SM**

**Bernard u Josephine konjugi Buhagiar**

**vs**

**George Cortis, Antonia Attard u GasanMamo Insurance Limited u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2006, l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Victor, Carmelo, Filippa mart Philip Abela, Miriam mart Frans Dimech, Pauline mart Louis Farrugia, Agnes mart Carmelo Barbara, u Giovanna mart Frans Dimech l-ahwa Mifsud – Philip, Giuseppe, Carmelo, Emanuele, Alfred, Marianna mart Joseph Dimech u Katie mart Philip Caruana – ahwa Agius – Maria, Judith u Sandra ahwa Agius, ulied il-mejjet Anthony Agius stante l-mewt tal-konvenuta Antonia Attard u b'digriet tad-9 ta' Dicembru, 2009, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alexandra sive Sandra Farrugia u John Mifsud, ahwa Mifsud sabiex ikomplu l-kawza minflok Victor Mifsud li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi Bernard u Josephine konjugi Buhagiar, ipprezentata fil-25 ta' Settembru, 2003, li permezz taghha nghad is-segwenti:

"Peress illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond Desiree, Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug;

"Peress illi l-konvenuta Antonia Attard hi proprjetarja tal-garaxx bla numru sottopost ghall-fond tal-atturi, filwaqt li l-konvenut jikri l-istess garaxx minghand l-imsemmija Antonia Attard;

"Peress illi fil-15 ta' Novembru, 2001, kien inharaq il-vann pickup Mazda EBA – 841 li huwa proprjeta` tal-konvenut George Cortis li kien jinsab fil-garage bla numru fi Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug;

"Peress illi b'rizultat ta' dan il-hruq gew ikkawzati danni strutturali fil-proprjeta` tal-atturi;

"Peress illi il-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-atturi fil-fond proprjeta taghhom u cioe "Desiree`", Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug, izda baqghu inadempjenti;

"Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huwa responsabbli ghall-hruq li sehh fil-vann li kien fil-garage bla numru fi Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu dawk id-danni hekk likwidati, jew alternattiva jesegwixxu x-xogholijiet rimedjali taht id-direzzjoni ta' perit nominat mill-Qorti;

"4. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jesegwixxu l-imsemmija xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom;

> "Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Antonia Attard tat-22 ta' Dicembru, 2003, li permezz taghha eccepiet hekk:

> "1. ILLI l-atturi jiddifettaw mill-interess guridiku illi jipproponu azzjoni u jitolbu dikjarazzjoni fuq ir-responsabilità tal-hsara tal-Van "de quo" ghaliex "ex admissis" huma ma ghandhom ebda proprjetà fil-van izda fil-fond sottopost ghall-garage proprjetà ta' l-esponenti mikri lil George Cortis;
>
> "2. ILLI minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-azzjoni attrici hija diretta ghal responsabilità u kundanna hlas tad-danni sofferti fl-immobbli, l-eccipjenti tichad kull responsabilita`: kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni, l-Inkjesta tal-Magistrat stabbiliet li l-hruq origina mill-vettura li kien hemm fil-garage; il-garage ma kellu l-ebda konnessjoni ma' l-allegat hruq, anqas konnessjoni u installazzjoni elettrika ma kellu;
>
> "3. ILLI fi kwalunkwe kaz tapplika minghajr pregudizzju ghall-prezunzjoni stabbilita fl-artikolu 1562 tal-Kodici Civili dwar ir-responsabilità ta' l-inkwilin".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` GasanMamo Insurance Limited tat-23 ta' Dicembru, 2003, li permezz taghha eccepiet:

> "1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni odjerna hija nulla u bla effett stante li s-socjeta` konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited m'ghadhiex tezisti;
>
> "2. Illi inoltrè u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta` eccipjenti m'ghandhiex locus standi fil-kawza odjerna stante (i) si tratta ta' kawza 'ex delictu'; u (ii) inoltre ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, notifika b'ittra ufficcjali kienet tkun sufficjenti ghall-finijiet ta' ezekuzzjoni diretta, u ghalhekk, indipendentement mill-ezitu ta' dina l-kawza, is-socjetà esponenti m'ghandhiex tbati spejjez;
>
> "3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' George Cortis datata 18 ta' Frar, 2004, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

> "1. Illi huwa b'l-ebda mod ma kien responsabbli ghall hsarat lamentati mill-attur billi n-nar in kwistjoni kien frott ta' incident ghall liema l-konvenut bl-ebda mod ma kien responsabbli;
>
> "2. Illi fi kwalsijazi kaz jispetta lill-attur jaghmel il-prova tal-entita` tal-hsara minnhu lamentata;
>
> "3. Illi in sussiedju l-hsara tinsab koperta mill assikurazzjoni GasanMamo Insurance Company Limited;
>
> "4. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Gunju, 2013, fl-ismijiet premessi li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited, laqghet it-talbiet tal-atturi Bernard u Josephine Buhagiar u konsegwentement:

1. Iddikjarat lill-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited responsabbli ghall-hruq li sehh fil-vann tal-konvenut Cortis, fil-garaxx sottopost ghall-fond proprjeta` tal-atturi konjugi Buhagiar, u dan fi kwoti ta' ghaxra (10) fil-mija u disghin (90) fil-mija rispettivament;

2. Illikwidat id-danni komplessivi sofferti mill-atturi konjugi Buhagiar fl-ammont ta' sbatax–il elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Euro u hames centezmi, (€17,726.05);

3. Ordnat li x-xoghlijiet strutturali li jista' jkun hemm bzonn li jsiru fil-garaxx in dizamina jigu esegwiti mill-istess atturi Buhagiar stante kemm li l-garaxx de quo hu effettivament proprjeta` taghhom, kemm li l-ammont ghall-istess hu gia` likwidat fid-danni fuq imsemmija;

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti fil-proporzjon indikat ghad-danni likwidati;

5. Ordnat li l-eredi tal-konvenuta Antonia Attard, jigu kollha liberati mill-osservanza tal-gudizzju, tenut kont li l-atturi cedew il-kawza kontra taghhom.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:
>
> "1.Illi l-kaz in dizamina jirrigawrda incendju li sehh fil-15 ta' Novembru, 2001, li l-ewwel origina mill-vettura tat-tip Mazda bin-numru ta' registrazzjoni EBA – 841, proprjeta` tal-konvenut Cortis;
>
> "2. Illi fl-incident *de quo* din l-imsemmija vettura kienet tinsab fil-garaxx sottostanti l-abitazzjoni tal-atturi fl-indirizz fuq gia` riferit, liema garaxx kien mikri mill-intimat Cortis minghand sid l-istess garaxx, l-intimata Attard;
>
> "3. Illi jirrizulta li fl-istess garaxx il-konvenut Cortis kellu wkoll cilindru tal-gass vojt; xi zewg (2) kaxxi tal-kartun vojta; xi kontenituri taz-zejt tal-magni; gwardarobba tal-injam mimlija trofej; televizjoni tal-kulur; raff mimli tilari tal-hadid; kexxun bi bnadar ta' Malta; armarju tal-injam; zewg (2) *flash doors*; karretta u ghodda ghat-tqeghid tal-madum, li kollha gew distrutti;

“4. Illi skont l-espert forensiku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, ma gie osservat l-ebda *foul play*, (ara fol 219);

“5. Illi l-vann in dizamina kien inxtara mill-konvenut Cortis fl-1992 u kien itih zewg (2) *services* fis-sena;

“6. Illi rizultat tal-incendju in dizamina l-fond sovrastanti sofra min konsenturi u hsarat ohra li l-perit nominat minn din il-qorti diversament preseduta finalment stabilixxa li kienu jammontaw ghal erbat elef, erba’ mija u hamsin Euro, (€4,450.00);

“7. Illi pero`, wara li gew ukoll nominati periti perizjuri, l-hsara komplessiva sofferta mill-atturi giet valutata li kienet ta’ hmistax–il elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Euro, (€15,222.00), inkluz il-VAT;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghandu wkoll jigi immedjatament ikkonstatat li wara l-korrezzjoni mitluba mill-atturi fit-2 ta’ Frar, 2004, (ara fol 17), u wara n-nota attrici datata l-4 ta’ Mejju, 2011, (ara fol 185), li permezz taghha cedew il-kawza odjerna fil-konfront tal-konvenuta Antonia Attard u tal-eredi taghha, din il-vertenza hi issa limitata ghall-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited;

“Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess qed tirrespingi immedjatament l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta;

“Ikkunsidrat:

“Illi wara l-incident meritu tal-procedura odjerna jirrizulta li l-konvenut Cortis, bhala persuna assikurat bit-tip “*Third Party Fire & Theft*” kien gie debitament risarcit mis-socjeta` assikuratrici konvenuta li pero`, irrifjutat tirrisarcixxi lill-atturi u dan, ghaliex qed tallega li l-incident in dizmaina kien wiehed accidentali;

“Ikkunsidrat:

“Illi kif abbilment issottolineat l-abbli espert legali fuq riferita fil-kawza minnha indikata fl-ismijiet **Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech, Qorti tal-Appell**, datata t-**23 ta’ Novembru, 1921**, (Vol. XXIV.1.894):

> *“ … quando in un giudizio di risarcimento di danni l’attore allega d’aver sofferto il danno … per colpa del convenuto, egli e’ nell’obbligo di provare un fatto od una omissione che parti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto … poiche’ la colpa e’ un ipotesi giuridica e generica finche’ sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione …”;*

"Illi sintetikament ghalhekk jinghad li min jallega li sofra xi dannu ghandu jipprova l-istess allegazzjoni u dan, kemm bl-att jew bl-ammissjoni tal-persuna minnu tenuta responsabbli tal-istess;

"Illi di piu`, kif irriteniet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza fl-ismijiet **Piju Bezzina vs Indri Galea tat-23 ta' Novembru, 1984**:

> "*Biex tirnexxi azzjoni ghad-danni kkawzati f'kawzi-delitt mhux bizzejjed li l-attur jipprova li sofra xi hsara fil-proprjeta` tieghu imma jehtieg li jipprova wkoll li din il-hsara gejja mill-agir ta' l-attur jew li tal-inqas ikkontiribwixxa ghaliha*"*;*

"Ikkunsidrat:

"Illi mill-analizi tal-process jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"1. Illi n-nar li ha fil-vann meritu tal-procedura odjerna kien wiehed ta' natura accidentali;

"2. Illi jirrizulta li s-sit originali tan-nar kien fil-magna tal-istess vann fejn jirrizulta li saret hafna hsara;

"Ikkunsidrat:

"Illi tenut kont tas-suespost spetta issa ghal Cortis li jipprova li l-origini tan-nar kien wiehed fortuwitu;

"Illi kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Muscat et vs Carmelo Agius, Qorti tal-Appell**, datata **14 ta' Jannar, 1939**:

> "*… biex iwaqqa' l-presunzjoni tal-htija, l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:*
>
> *"i. l-accident jew il-fortuwitu bhala l-kawza tal-hsara;*
>
> *"ii. In-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u immedjata tal-hsarat*";

"Ikkunsidrat:

"Illi kif kostantement ritenut mill-qrati lokali, il-kaz fortuwitu hu dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja, (Vol. XXX.1.869);

"Illi biex ikun hemm dan il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, izda jinhtieg li dan ikun **inevitabbli** b'mod li **ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja**, (Vol.XXXV.11.637);

"Illi *di piu`*, il-prova tal-fortuwitu, jew tal-kawza estranea, tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici, (Vol. XXX1.1.467);

“Ikkunsidrat:

“Illi r-rizultanzi processwali juru minghajr dubju li l-garaxx in dizamina kien jintuza esklussivament mill-konvenut Cortis biex jiggaraxxja l-vann tieghu u jzomm il-materjal li hu joghgbu jpoggi fl-istess garaxx;

“Illi peress li l-garaxx in dizamina ma kienx kbir, in-nar infirex malajr;

“Ikkunsidrat:

“Illi min ezami tal-atti kollha processwali din il-qorti m’ghandhiex ragunijiet biex ma tikkonkordax ghal kollox mal-konkluzjonijiet tal-perit legali inkluzi fir-relazzjoni taghha, u konsegwentement qed taghmilhom taghha ghal fini ta’ din il-procedura;

“Illi konsegwentement taqbel mal-konkluzjoni taghha li l-incendju in dizamina kien wiehed purament accidentali, li pero` ma jeskludix l-imprudenza tal-konvenut Cortis meta naqas li jipprevedi dak prevedibbli ghal persuna li tezercita d-diligenza tal-*bonus paterfamilias;*

“Illi dan qed jigi rilevat stante li fil-garaxx ta’ proporzjon zghir, mal-vann *de quo*, kien hemm ammont konsiderevoli ta’ materjal infjammabbli li kien ghalhekk ta’ perikolu serju u gravi, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-garaxx kien sitwat taht fond residenzjali;

“Illi ghalhekk din il-qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali suriferita li allura l-konvenut kolpozament holoq sitwazzjoni li kkontribwiet biex in-nar jinfirex b’facilita` u ghamel hsara konsiderevoli lill-fond sovrastanti;

“Illi kif irriteniet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Vella vs Mangion et tat-22 ta’ Marzu, 2005**:

> “*… huwa opportun li jigi osservat li, il-fatt li l-istallazzjoni ta’ sprinkler system m’hijiex komuni f’Malta ghal fondi zghar, u m’hijiex rikjesta mill-ligi, ma jezonerax lill-konvenuti bl-ebda mod. Id-diligenza li kellhom jezercitaw il-konvenuti, biex jaslu ghall-grad ta’ bonus paterfamilias, hija dettata mic-cirkostanzi tal-kaz, u tvarja min kaz ghall-iehor. Kull kaz ghandu jigi konsidrat ghalih peress li c-cirkostanzi ta’ zmien jew ta’ natura ohra jistghu ibiddlu s-soluzzjoni fis-sens illi l-event, fejn kien imprevedibbli f’kaz isir prevedibbli f’kaz iehor u ghalhekk l-esekuzzjoni (jew l-inevitabilita`) ma tkunx impossibbli”, (Vol. XXX1.1.554). F’dan il-kaz kienet prevedibbli l-possibilita` li l-vettura tista’ tiehu n-nar u kien ferm prevedibbli li f’dak il-kaz, in-nar jinfirex u jikber minhabba l-kwantita` ta’ merkanzija stivata fil-garaxx. F’dan il-kaz, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ma lahqux dan il-grad ta’ diligenza rikjesta mill-ligi”;*

“Ikkunsidrat:

"Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun ovvju s-segwenti:

"1. Illi l-politika strutturali rigwardanti l-prevenzjoni f'sitwazzjonijiet simili ghandha tigi riezaminata minn min hu dovut bil-ghan li tigi salvagwardata l-inkolumita` ta' kull persuna involuta;

"2. Illi l-istess konvenut Cortis kien ikun ghaqli li jkollu apparat li jaghti allarm f'sitwazzjonijiet bhal dik in dizamina;

"3. Illi tenut kont tal-oggetti infjammabbli mizmuma fl-istess garaxx mill-konvenut Cortis, dan kien dovut li jzomm apparat tat-tifi tan-nar fl-istess garaxx;

"Ikkunsidrat:

"Illi a skans ta' dilungar inutili din il-qorti taghmel ukoll taghha l-konkluzjonijiet tal-perit legali fuq riferita rigwardanti s-socjeta` assikuratrici konvenuta b'dan li polza assikurattiva ghandha tkopri wkoll hsarat fil-proprjeta` kkagunati mill-vettura minnha koperta;

"Illi konsegwentement, l-istess socjeta` assikuratrici konvenuta hi tenuta responsabbli li thallas ukoll ghal dawk id-danni li biha l-assigurat taghha kien kopert;

"Illi rigward l-eccezzjoni tal-istess socjeta` assikuratrici konvenuta li m'ghandhiex *locus standi* peress li l-kawza odjerna hi wahda *ex delictu*, jinghad li *ai termini* tal-artikolu 9A tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, dan mhux il-kaz stante li l-persuna li tkun garrbet il-hsara ghandha d-dritt t'azzjoni diretta kontra l-assikuratur;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward id-danni allegati mir-rikorrenti ghandu jinghad li a skans ta' ripetizzjoni inutili din il-qorti qed tistrieh ukoll kompletament fuq ir-relazzjoni peritali fir-rigward u ghar-ragunijeit hemm espressament indikati tissottolinea biss li l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi hu dak riskontrat mill-imsemmija espert legali senjatament kif minnha stabbilit fl-ammont ta' sbatax–il elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Euro u hames centezmi, (€17,726.05), u mhux kif precedentement indikat;

"Ikkunsidrat:

"Illi finalment, in vista tal-fatt li jirrizulta wkoll li l-konvenut Cortis naqas milli jirreagixxi quddiem l-incendju in dizamina billi ma ipprovax jitfieh, taqbel ukoll mal-konkluzjoni peritali li allura ghandu jigi tenut responsabbli li jhallas ghaxra (10) fil-mija tal-hsarat sofferti u fuq likwidati;

"Illi konsegwentement id-disghin (90) fil-mija l-ohra tal-istess hsarat ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` assikuratrici konvenuta;".

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited tal-15 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu appellat mis-sentenza hawn qabel citata u talbet illi din il-Qorti (1) tirrevoka u thassar is-sentenza tal-25 ta' Gunju, 2013, fl-ismijiet fuq premessi fl-intier taghha; u (2) taqta' u tiddeciedi l-kaz billi tiddikjara illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-appellat Cortis, jew tas-socjetà appellanti – imma minhabba kawzi purament accidentali u kwindi tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tal-konvenut Cortis; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat illi ghalkemm l-atturi appellati konjugi Buhagiar u l-konvenut appellat George Cortis, kienu debitament notifikati bir-rikors tal-appell tas-socjetà appellanti, hadd minnhom ma ressaq risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi appellati qeghdin jitolbu li l-konvenut appellat Cortis u s-socjetà konvenuta appellanti bhala l-assiguratrici, jigu dikjarati responsabbli ghad-danni li sofrew fil-maisonette taghhom imsejjha "Desiree", Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug, rizultat ta' nirien li originaw fil-garaxx sottostanti, li kien mikri lilll-konvenut Cortis u l-kundanna tal-istess ghal hlas tad-danni konsegwenzjali fil-proprjetà taghhom u spejjez ohra inkorsi minnhom konsegwenza tal-istess incident.

Il-konvenuti qed jopponu t-talba attrici, a bazi tal-fatt li dak li gara kien kagun ta' kaz fortuwitu u mhux attriwibbli ghal negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenut appellat Cortis, li kellu l-vettura tieghu assigurata mas-socjetà konvenuta appellanti.

Is-socjetà konvenuta appellanti hassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-25 ta' Gunju, 2013, ghal zewg ragunijiet principali: dak relativ ghar-riskju tal-assiguratur u dak relativ ghar-responsabbilità o meno tal-konvenuti appellati.

L-aggravju principali tas-socjetà appellanti jikkoncerna dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti allokat fuqha 90% tar-responsabbilità ghall-akkadut u kkundannata thallas id-danni ekwivalenti ghall-istess persentagg. Hija tikkontendi li ladarba l-assigurat gie misjub

responsabbli ghal-10% ta' dak l-akkadut, isegwi li hija ma setghet qatt tinsab responsabbli ghal dak li ma sehhx b'xi tort tal-assigurat taghha. Hija tispjega li n-natura ta' polza ta' assigurazjoni hija bbazata fuq il-principju illi ladarba l-assigurat ihallas il-flus bhala premium, hija tassumi fuqha r-riskju illi, kieku ma kienx hallas dak il-premium, jaqa' fuq l-assigurat. Tishaq bl-argument taghha, li huwa assurd u impossibbli illi hija tigi akkollata b'responsabbilità, ghal dak li l-assigurat taghha Cortis ma kienx jahti ghalih. Hi, ghalhekk, tissottometti li jekk dak il-porzjon ma kienx jahti ghalih l-assigurat taghha, hija bhala assigurazzjoni ma setghet qatt tidhol ghal dak ir-riskju, peress li l-indenniz mahrug mill-assigurazzjoni huwa ghal kollox dipendenti fuq dikjarazzjoni ta' negligenza tal-assigurat taghha.

Ghandu jinghad mal-ewwel li in kwantu l-aggravju principali ma jattakkax is-sentenza tal-ewwel Qorti sa fejn cahdet l-eccezzjoni originali tas-socjetà konvenuta appellanti rigward in-nuqqas ta' *locus standi* taghha fil-proceduri odjerni, dan il-punt illum jikkostitwixxi gudikat. Fi kwalunkwè kaz, skont l-Artikolu 9A tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta):

> "*Parti offiza residenti f'Malta…. u li jkollha jedd ghal kumpens dwar kull telf jew feriment li jirrizulta minn accident kagunat bl-uzu ta' vettura bil-mutur li tkun assigurata minn assiguratur awtorizzat u normalment bazata f'Malta….., ikollha jedd dirett ghal azzjoni kontra l-assiguratur awtorizzat f'Malta, jekk:*
>
> "*(a) l-accident ikun gara f'Malta jew fi Stat imsemmi…..*".

Ghalkemm il-kawza odjerna hija msejsa fuq il-*culpa aquiliana*, permezz tal-Att XXX, tas-sena 2002, li emenda l-imsemmi Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-sitwazzjoni nbiddlet xi ftit jew wisq, peress li nholqot il-possibbilità ta' azzjoni *sui generis* fejn id-danneggjat inghata l-ghazla li jharrek lill-assigurazzjoni tad-danneggjant flok, jew mal-persuna, li kkagunat il-hsara. M'hemmx dubju li l-atturi huma residenti Malta u l-accident kien jinvolvi vettura assigurata ma' socjeta assiguratrici bbazata hawn Malta. Ghalhekk huwa ritenut li l-azzjoni kif proposta hija ammissibbli peress li l-artikolu tal-ligi fuq imsemmi ma jipprekludix lid-danneggjati milli jipproponu l-kawza kemm kontra s-socjetà assiguratrici, kif ukoll kontra min ikkawza d-danni.

Dan qieghed jinghad ukoll peress li ladarba li s-socjetà appellanti qeghda tishaq li r-responsabbilità taghha hija limitata ghal dak li l-assigurat taghha potenzjalment jista' jinstab hati ghalih, ifisser li hija m'ghadhiex tishaq fuq l-eccezzjoni originali taghha dwar in-nuqqas tal-*locus standi,* in kwantu meqjusa inkompatibbli mal-linja difensjonali mehuda fl-istess rikors ta' appell taghha.

Imiss li jigi ttrattat l-aggravju principali nnifsu tas-socjetà konvenuta appellanti.

F’dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament komposta, fl-ismijiet **Salvatore Sammut v. Middle Sea Insurance p.l.c. (**14 ta’ Mejju 2004) fejn polza ta’ assigurazzjoni giet definita hekk:

> “*Polza ta’ assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta’ premium mill-assikurat lis-socjeta’ assikurattrici, dik l-istess socjeta’ tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita’ li dan isofri xi telf bhala rizultat ta’ event dannuz kopert bl-istess polza ta’ assikurazzjoni. L-element principali f’dan it-tip ta’ kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta’ assikurattrici. F’dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b’titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta’ bejniethom billi bil-hlas ta’ premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta’ indennizz da parti tas-socjeta’ assikurattrici. In kwantu polza ta’ assikurazzjoni hija kuntratt jehtieg li jigu sodisfatti r-rekwiziti generali tal-kuntratti u cioe’ li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l- unsens taghhom. Inoltre’ l-oggett tal-kuntratt jrid ikun determinat u lecitu.*
>
> “*Kif inghad hawn fuq bil-hrug tal-polza ta’ assikurazzjoni s-socjeta’ assikurattrici tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat taghha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddependi minn grajja ta’ bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art.1053 (1), Kodici Civili)*”.

Din il-Qorti filwaqt li taghmel dawn l-istess principji enuncjati taghha, issib li tabilhaqq is-socjetà appellanti, permezz tal-kuntratt ta’ assigurazzjoni jew il-polza tal-assigurazzjoni, hadet fuqha l-istess riskju identiku ta’ l-assigurat taghha, f’dan il-kaz tal-konvenut Cortis, xejn izjed u xejn inqas. Isegwi li r-riskju u konsegwentement ir-responsabbilità taghha ghall-indenniz, huwa ghal kollox dipendenti fuq jekk hemmx lok ghal dikjarazzjoni ta’ negligenza tal-assigurat taghha (u mhux tal-assigurazzjoni).

Isegwi li ghalkemm dan l-aggravju principali, li jissejjes fuq il-limitazzjoni tar-riskju li s-socjetà appellanti bhala l-assiguratrici tal-konvenut, jirrizulta gustifikat, jonqos li jigi trattat it-tieni aggravju tas-socjetà appellanti li jitratta proprju r-responsabbilità o meno tal-konvenut appellat Cortis, assigurat taghha, li jimpingi direttament ukoll fuq l-ezitu finali ta' dan l-appell.

It-tieni aggravju tas-socjetà appellanti jissejjes fuq il-premessa li sa fejn l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-Artikoli 1029, 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), tikkontendi li mill-provi prodotti mill-atturi appellati ma tirrizulta ebda negligenza da parti ta' Cortis, jew li naqas fl-obbligi tieghu ta' *bonus paterfamilias*. Anzi tishaq li fil-mankanza ta' provi dwar l-origini tan-nirien u dwar il-konkluzjonijiet fl-investigazzjonijiet, ma saritx il-prova li l-konvenut Cortis kien negligenti. Fin-nuqqas ta' din il-prova krucjali, is-socjetà appellanti tikkontendi li ma jistax ikun hemm decizjoni illi ssib lil Cortis responsabbli ghall-incident ai termini tal-Artikoli 1031 u 1032 tal-istess Kap. 16.

L-appellanti tikkontendi wkoll illi sa fejn il-perit legali u sussegwentement l-ewwel Qorti li adottat ir-rapport taghha, taw importanza ghall-fatt li kellu xi affarijiet stivati fil-garaxx in kwistjoni, l-oggetti in kwistjoni kienu pjuttost innokwi u ma jipprezentawx xi *fire hazard* u huma oggetti normali li jigu stivati barra mid-dar, proprju f'xi garaxx. Ghalhekk tishaq li

Cortis ma kienx negligenti peress li ma kien hemm xejn fost dawn l-oggetti li setghu jgeghluh jahseb li kien hemm xi riskju li jinzammu fil-garaxx. Tikkontendi wkoll li ma kien hemm l-ebda ness ipprovat permezz ta' xi dokument jew xhieda ta' espert, bejn l-oggetti stivati fil-garaxx u l-estent tan-nirien u l-hsarat ikkawzati. Anzi l-appellanti tikkontendi li tali konkluzjoni tidher li giet milhuqa mill-espert legali b'mod gratuwitu, peress li mhux ibbazata fuq xi teorija xjentifika.

Jinghad ukoll mis-socjetà appellanti illi filwaqt li l-ewwel Qorti kkritikat lill-konvenut appellat peress li ma kellu ebda sistema ta' prevenzjoni ghan-nar, bl-inferenza li b'tali agir ikkontribwixxa ghall-hsarat, ironikament ma jinghad xejn mill-istess Qorti fir-rigward tal-fatt li l-atturi appellati ma kellhom ebda polza ta' assigurazzjoni ghal darhom, li kienet certament timminimizza d-danni rizultanti. Konsegwentemnt tikkontendi li lanqas l-assigurat taghha Cortis ma kellu jigi attribwit 10% tar-responsabbilità ghall-akkadut peress li ma tezisti ebda prova konkreta jew prova msejsa fuq bazi qawwija ta' probabbilità li l-konvenut Cortis ikkontribwixxa ghan-nirien jew ghad-danni sofferti mill-atturi appellati.

In materja ta' provi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn gew elenkati r-regoli prevalenti fl-ordinament guridiku taghna fir-rigward, meta jinghad:

"*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

"*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

"*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

"*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoadni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)*".

Minn ezami tal-kumpless tal-provi in atti, jirrizulta li fil-15 ta' Novembru, 2001, ghal habta tas-siegha ta' filghodu zviluppa nar fil-garaxx mikri lill-konvenut, li infirex u ma setax jigi kontrollat facilment, bir-rizultat li l-maisonette sovrastanti, proprjetà tal-atturi appellati, sofriet hsara sostanzjali konsegwenza ta' temperaturi gholjin ikkawzati min-nar. Id-danni li jikkonsistu mhux biss fi hsara viziva, bhal hsara fis-sistemi tal-

katusi, tibjid u t-tieqa fil-kcina, izda wkoll movimenti strutturali fil-binja, li rrizulta f'konsenturi, li jehtieg li jittiehdu mizuri sabiex tigi stabilizzata l-binja. (Ara f'dan is-sens kemm ir-rapport tal-perit Godwin Abela, kif ukoll dak tal-periti addizzjonali.)

Cortis, kien jiggaraxxja l-vettura tieghu Mazda *pick-up*, bin-numru tar-registrazzjoni, EBA-841 gol-fond sottostanti dak tal-atturi appellati, kif ukoll juzah bhala *store*, fejn kien izomm cilindru tal-gass vojt, zewg kaxxi tal-kartun vojta, xi kontenituri biz-zejt tal-magni, gwardarobba tal-injam mimlija trophies, *television set* tal-kulur ma jahdimx, raff li fuqu kellu kwantità kbira ta' tilari tal-hadid, kexxun b'xi bnadar ta' Malta, armarju tal-injam, 2 bibien *flash doors*, karretta u ghodda li juzahom ghat-tqeghid tal-madum, li gew kollha distrutti bin-nirien (ara rapport tal-pulizija esebit in atti).

Mill-process verbal, esebit in atti jirrizulta, illi mill-kostatazzjonijiet tal-espert forensiku illi:

> "*il-van pick-up kien jinsab wieqaf madwar metru quddiem il-bieb tal-garaxx fuq il-paviment tal-parapett.*
>
> "***Illi fl-intern tal-garaxx in-nar kien ghamel hsara kbira u <u>kien ovvju li fil-post kien hemm materjal kombustibbli li kompla jinharaq anke wara li l-vettura nharget minnu.</u>***
>
> "***Illi gie osservat li l-hitan tal-garaxx kienu kwazi minghajr nugrufum u l-gebel tal-franka kien "heat bleached." <u>Dan jindika illi fil-post it-temperatura kienet lahqet valuri gholjin, li kienet tfisser li hemm gew kienet hegget huggiega kbira ghal xi hin.</u>***

"*Illi ma kienx hemm evidenza ta' supply ta' current elettriku fil-garaxx.*

"*Illi l-pick-up kien mahruq l-aktar fuq il-parti ta' quddiem tieghu u l-kaxxa kienet minghajr hsara bi hruq. Il-kompartiment tal-magna kien mahruq estensivament.*

"*Illi n-nar fuq il-pick-up Mazda EBA-841 kien ta' origini accidentali.*

"*Illi jidher li n-nar beda waqt li l-vettura kienet maghluqa fil-garaxx. Il-bieb kien imsakkar u infitah mis-sid bic-cavetta fil-presenza ta' Pierre Grima.*

"***Illi s-seat of fire kien fil-kompartiment tal-magna fejn sehhet hafna hsara.***". (Enfasi mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk ghalkemm ma xehed ebda espert forensiku fil-proceduri odjerni, jirrizulta li l-grajjiet tal-kaz mill-aspett forensiku, jinsabu rapportati fil-process verbal esebit fl-atti. Minnu jirrizulta li tabilhaqq in-nirien in kwistjoni kienu accidentali li ghalkemm jidher li tqanqlu fil-magna tal-karozza, minkejja li nharget il-karozza mill-garaxx, komplew ghaddejjin in-nirien fil-garaxx proprju minhabba l-materjal kombustibbli li kien hemm fil-garaxx, liema nirien lahqu temperaturi tant gholjin li kkawzaw hsara estensiva fl-istruttura tal-bini. Dan irrizulta wkoll lill-Perit Legali f'dawn il-proceduri. Isegwi li kontrarjament ghall-argument imressaq mis-socjetà appellanti, tirrizulta mill-process kemm il-prova dwar l-origini tan-nirien, kif ukoll li l-materjal mahzun fil-garaxx ma kienx ezattament innokwu.

F'dan il-kaz, ghandhom japplikaw il-principji komuni ta' dritt hekk kif provdut taht it-titlu ta' Delitti u Kwazi-Delitti tal-Kodici Civili, senjatament l-Artikoli 1029 sa 1032 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu s-segwenti:

"***1029.*** *Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.*

"***1031.*** *Kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.*

"***1032.*** *(1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*

"*(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal- ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar*".

Isegwi li kull min jonqos li jaghmel uzu mill-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' *bonus pater familias*, jitqies in kolpa, u ghandu jwiegeb ghad-danni li jsegwu. Jinkombi fuq l-atturi appellati l-piz tal-prova tal-kolpa da parti tal-konvenut appellat Cortis, u li jipprovaw in-ness kawzali bejn l-incident dannuz, l-agir tal-konvenut appellat Cortis u l-ezistenza tad-dannu.

Il-linja difensjonali addottata mis-socjetà appellanti hija li dak li gara kien kaz fortuwitu peress li ma kienx hemm ness ta' traskuragni da parti tal-konvenut appellat Cortis u l-akkadut. Da parti tas-socjetà konvenuta appellanti jigi implikat ukoll li l-kaz in ezami kien jitratta kaz fortuwitu peress li ladarba l-agir tal-assigurat Cortis bl-ebda mod ma kkontribwixxa ghall-akkadut, isegwi li hu ma jirrispondix ghall-pretensjonijiet ta' hsarat hekk kif allegat mill-atturi appellati u konsegwentement lanqas hija ma tista' taghmel tajjeb ghad-danni.

Madankollu, kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Edward Amato et v. Christopher Agius et**:

> "*Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, positiv jew negativ, tal-bniedem. Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili b'mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal"bonus pater familias" (ara sentenza Micallef vs Belle Mc.Cance 7/5/1983 Vol 37 p 2 p 638).*
>
> "*Fil-kaz in ezami l-Qorti tirravviza negligenza kontributorja da parti tal-konvenut li fil-fatt stiva fil-garage kwantita' kbira ta' materjal u oggetti, fosthom materjal kombustibbli, b'mod tali li rrenda difficili li jigi kontrollat in-nar…*
>
> "*Il-htija tal-konvenut hija ghalhekk mhiex li hu kkawza n-nar, izda li kolpozament u negligentement holoq sitwazzjoni li kkontribwiet sewwa biex in-nar facilment inxtered u difficilment setgha jinzamm milli jinxtered b'mod li estenda ghal fondi sovrastanti fejn ikkaguna d-danni li l-atturi qed jirreklamaw*".

Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri), tat-8 ta' Gunju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Antoine Grima**, li kienet proprju titratta incident simili ghal dak in ezami, jinghad:

> "*Ma hemmx dubju illi l-attur appellat ipprova li l-kagun tan-nar sehh fil-mahzen u li ghal dan il-mahzen kien responsabli l-konvenut. Ma hemmx lanqas dubju illi f'kazijiet ta' din ix-xorta mhux dejjem facli ghall-attur li jgib il-prova ezatta dwar x'ikkaguna l-hruq, ghax kif osservat, anke ghal min hu espert dan il-kompitu spiss drabi jipprezenta diffikultajiet li jimpedixxu, jew ma jirrendux facli, li jkun maghruf, b'mod dirett, is-sors ta' dak il-hruq. Dan, pero` ma jfisserx illi r-responsabilita` a kariku ta' l-appellanti mhix prospettabbli jekk il-verifika ta' l-event tad-dannu hi kollegabbli ghall-fatturi cirkostanzjali, bhal ma huma x-xorta u l-kwantita akkumulata ta' materjal, ta' natura pjuttost riskjuza, mizmuma gewwa mahzen. Naturalment, tikkompeti lill-gudikant il-konsiderazzjoni jekk l-event leziv huwiex il-konsegwenza probabbli ta' dak il-materjal u tal-mod tal-hazna tieghu;*

> "*Hi effettivament din l-istess konsiderazzjoni li wasslet lill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, biex, in bazi ghall-fattezzi li joffru certu xebh mal-kaz prezenti, tiddeciedi illi "l-htija tal-konvenut, fi kliem iehor, ma hijiex qeghda tigi ravvizata fil-fatt stess li skoppja l-hruq, imma filli kolposament u negligentement huwa holoq sitwazzjoni li kkawzat jew ikkontribwiet sewwa ghal li n-nar facilment jinxtered u difficilment seta' jinzamm milli jinxtered, b'mod li estenda ruhu ghal-fond sovrastanti, fejn ikkaguna dannu lill-proprjeta` ta' haddiehor" ("Antonio Vella et -vs- Emanuel Attard", 12 ta' Lulju, 1976). Dan, wara li dik il-Qorti rragunat illi, ghalkemm ma jirrizultax x'kienet il-kawza ta' l-incendju, u eskluz ukoll li l-incendju kien kolpuz, kien hemm imprudenza mill-konvenut fil-fatt li huwa stiva u mballa l-fond bi kwantita ta' oggetti u materjali, fosthom materjali konbustibbli u naqas ukoll milli, ghal dak li kien prevedibbli, jiehu l-prekawzjonijiet ta' bonus pater familias mistennija minnu fic-cirkustanzi;*".

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-principji hawn appena citati u tqis li japplikaw ghall-kaz in ezami peress li jirrizulta li l-konvenut Cortis kien jahzen kwantità ta' materjal kombustibbli li permezz tieghu n-nar baqa' jheggeg, minkejja li tnehhiet il-karozza minn fejn origina n-nar. Ladarba l-konvenut Cortis kien jahzen kwantità ta' materjal kombustibbli dan il-fatt fih innifsu, kien jiddetta certa prudenza bhal li jkollu a disposizzjoni tieghu xi mezz baziku ta' tifi tan-nar. Fil-fehma tal-Qorti, l-akkadut kien prevedibbili ghall-konvenut li kellu dmir jadopera mqar mizuri bazici ta' prevenzjoni.

Ghalhekk jirrizulta debitament ipprovat mill-atturi li l-konvenut Cortis ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega tal-*bonus pater familias,* peress li kien qieghed jahzen kwantità ta' materjal li kien facilment kombustibbli, u agixxa b'mod li agevola t-tixrid tan-nar, li wassal ghad-danni kkagunati lill-atturi bhala proprjetarji tal-fond sovrastanti. Fil-mument tal-incident il-

konvenut Cortis kien qieghed jaghmel uzu mill-garaxx u ghalhekk kien responsabbli ghalih, u kellu jaghmel uzu minnu bid-diligenza mehtiega minn *bonus pater familias*. Isegwi li l-atturi tabilhaqq irnexxielhom jipprovaw in-ness kawzali bejn l-incident innifsu, u l-agir tal-konvenut Cortis konsistenti kemm fl-azzjoni nnifisha tal-hazna ta' kwantità ta' materjal kombustibbli, kif ukoll l-ommissjoni li jzomm xi mezz ta' tifi tan-nar disponibbli, kif kienet tiddetta l-prudenza ta' missier tajjeb tal-familja. Ir-responsabbilità tal-konvenut ma kenitx ghall-origini tal-incendju jew dak li kkawzah, izda talli holoq sitwazzjoni li kkontribwiet sostanzjalment biex in-nar jinfirex facilment, b'mod li kien difficli li jigi kkontrollat fi zmien qasir, bil-konsegwenza li ghamel hafna hsara fil-fond proprjetà tal-atturi appellati, sovrastanti l-istess garaxx.

Dan ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ifisser li l-konvenut appellat Cortis kellu jirrispondi ghan-nuqqas tieghu, jigi misjub responsabbli fis-shih ghall-akkadut u jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi. Dan ifisser li s-sentenza appellata ghandha tigi riformata f'dan is-sens u ghalhekk l-aggravju tas-socjetà appellanti xorta ma jimmeritax illi jintlaqa'.

In kwantu r-rikors tal-appell tas-socjetà appellanti jattakka l-konkluzjoni milhuqa permezz tal-perizja legali, tajjeb li jinghad illi s-socjetà appellanti, ma ttantatx tikkontrasta dik il-perizja permezz ta' eskussjoni

tal-perit legali jew nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri sabiex tipprova tirribatti l-konkluzjonijiet legali taghha. Inoltrè, ghalkemm it-talba taghha ghall-hatra ta' periti addizzjonali giet michuda, ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti intalbet tirrikonsidra d-decizjoni taghha, kif lanqas ma sar appell mid-digriet tal-ewwel Qorti li cahad il-hatra ta' periti addizzjonali, kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 229(2) u (4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk mhux ritenut opportun li dan l-ilment tas-socjetà appellanti jimmerita li jigi indirizzat ulterjorment. Wara kollox jibqa' jipprevali wkoll il-massima li l-Qorti lanqas tkun marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tal-perit legali jekk kemm il-darba tkun konvinta mod iehor (Artikolu 681 tal-Kap. 12).

Finalment huwa ritenut li l-ahhar argument tas-socjetà appellanti, meta jinghad minnha li l-atturi setghu jassiguraw il-proprjetà taghhom, huwa ghal kwantu fieragh. Dan il-fatt fih innifsu, kuntrarjament ghal dak li jinghad minnha bi kritika ghas-sentenza tal-ewwel Qorti, dwar in-nuqqas tal-konvenut li jinstalla *fire alarm* jew *sprinkler system,* ma kienx ser jipprevjeni n-nirien li hakmu l-garaxx mikri lill-konvenut; l-aktar kienu forsi jnaqqsu l-inkonvenjent tal-atturi appellati u jiehdu l-indenniz dovut lilhom fi zmien iqsar.

Ma jirrizultax li l-*quantum* ta' danni qieghed jigi kkontestat permezz tal-appell in ezami u ghalhekk is-somma likwidata mill-ewwel Qorti timmerita li tigi kkonfermata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetà konvenuta appellanti, billi tilqa' l-istess izda limitatament kif inghad u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata tal-25 ta' Gunju, 2013, billi:

(1) tikkonfermaha sa fejn gie deciz illi laqghet it-talbiet attrici u cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited;

(2) tirrevokaha in kwantu l-istess sentenza ddikjarat lill-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited responsabbli ghall-hruq li sehh fil-vann tal-konvenut Cortis, fil-garaxx sottopost ghall-fond proprjeta` tal-atturi konjugi Buhagiar, u dan fi kwoti ta' ghaxra (10) fil-mija u disghin (90) fil-mija rispettivament, inkluz l-ispejjez relattivi, u

(3) minflok tiddikjara lill-konvenut George Cortis unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni,

(4) tikkundanna liz-zewg konvenuti *in solidum* ghall-hlas ta' danni kkagunati u llikwidati favur l-atturi fis-somma ta' sbattax–il elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Euro u hames centezmi, (€17,726.05), bl-imghax jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza.

(5) Tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb